31975R0142

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 142/75 TAL-KUMMISSJONI
ta' l-20 ta' Jannar 1975
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 616/72 fir-rigward ta' l-imposti ta' esportazzjoni fuq żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE (1) tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1707/73 (2),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 162/66/KEE (3) tas-27 ta' Ottubru 1966 dwar il-kummerċ fiż-żjut u x-xaħmijiet bejn il-Komunità u l-Greċja,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 171/67 KEE (4) tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar ħlasijiet lura ta' esportazzjoni u mposti fuq iż-żejt taż-żebbuġa, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2429/72 (5), u b'mod partikolari Artikolu 11 tiegħu,

Billi, taħt Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 616/72 (6) tas-27 ta' Marzu 1972 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' ħlasijiet lura ta' esportazzjoni u mposti fuq iż-żejt taż-żebbuġa, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2563/72 (7), il-Kummissjoni għandha tiffissa l-imposti ta' esportazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa f'pakketti ta' kapaċità li taqbeż il-5 kg fejn id-differenza speċifikata fl-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 171/67/KEE taqbeż ċertu ammont; billi l-esperjenza wriet li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni wasslet għall-iffisar ta' mposti ta' esportazzjoni wkoll fejn esportazzjonijiet ma jheddux li jfixklu s-suq tal-Komunità jew dinji fiż-żejt taż-żebbuġa; billi dispożizzjoni għandha għalhekk issir biex jiġu fissati l-imposti taħt l-istess kondizzjonijiet għaż-żejt riferiti hawn fuq bħalma huma għaż-żejt offrut fi kwantitajiet żgħar;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taż-Żjut u x-Xaħmijiet

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 616/72 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tiffissa l-imposta ta' esportazzjoni għal żejt taż-żebbuġa li jaqa' taħt is-subintestatura 15.07 A tat-Tariffa Komuni Doganali fejn id-differenza bejn il-prezz *cif* u l-prezz rekordjat fis-suq tal-Komunità huwa tali li jħajjar l-esportazzjoni fuq skala li hija mistennija li tfixkel is-suq tal-Komunità jew dinji. Għall-għanijiet li jkun stabbilit il-prezz fis-suq tal-Komunità għandu jingħata kont tal-kwotazzjonijiet u tal-prezzijiet fis-swieq l-aktar rappresentattivi għall-produzzjoni u esportazzjoni.

L-imposta ta' esportazzjoni għandha tiġi aġġustata skond kull tibdil fis-sitwazzjoni.

2. Fejn il-prezz *cif* jaqbeż il-prezz immirat tas-suq l-applikazzjoni ta' l-imposta ta' esportazzjoni għandha tiġi eżaminata mill-inqas darba fix-xahar taħt il-proċedura preskritta f'Artikolu 39 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bl-ammont ta' mposta ta' esportazzjoni li jrid jitħallas għal kull 100 kg ta' żejt esportat malli din l-imposta tiġi fissata."

Artikolu 2

Artikolu 3 tar-Regolamenti (KEE) Nru 616/72 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

(1) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
(2) ĠU L 175, tad-29.6.1973, p. 5.
(3) ĠU C 197, tad-29.10.1966, p. 3393/66.
(4) ĠU C 130, tat-28.6.1967, p. 2600/67.
(5) ĠU L 264, tat-23.11.1972, p. 1.
(6) ĠU L 78, tal-31.3.1972, p. 1.
(7) ĠU L 274, tas-7.12.1972, p. 11.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Jannar 1975.

Għall-Kummissjoni

François-Xavier ORTOLI

Il-President